Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Baġits

2024/2116(INI)

04.06.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-faċilitazzjoni u l-finanzjament tal-investimenti u tar-riformi biex tingħata spinta lill-kompetittività Ewropea u l-ħolqien ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali (ir-Rapport Draghi)
(2024/2116(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Karlo Ressler

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jippreżenta lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-evalwazzjoni interim ta' InvestEU tat-30 ta' Settembru 2024 (SWD(2024)0228),

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-tisħiħ tal-industrija tad-difiża Ewropea (COM(2025)0122),

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2025 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2015/1017, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695 u (UE) 2021/1153 fir-rigward taż-żieda fl-effiċjenza tal-garanzija tal-UE skont ir-Regolament (UE) 2021/523 u fir-rigward tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tar-

rappurtar (COM(2025)0084),

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex tiġi restawrata l-produttività tal-UE u jintlaħqu l-objettivi ambjentali u soċjali tal-UE;	A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex tiġi restawrata l-produttività tal-UE***, tingħata ħajja ġdida lill-kompetittività tal-UE*** u jintlaħqu l-objettivi ambjentali u soċjali tal-UE; ***billi dik id-diskrepanza fl-investiment tinkludi ammont konsiderevoli allokat għad-dekarbonizzazzjoni industrijali;***

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi d-daqs tal-baġit annwali tal-UE huwa anqas minn EUR 200 biljun, inklużi l-investimenti f'diversi oqsma ta' politika, u dan iħalli flessibbiltà limitata għall-Patt dwar il-Kompetittività Ewropea;

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi, skont ir-rapport Draghi, l-appoġġ tal-UE għall-investiment pubbliku u privat huwa ristrett mid-daqs tal-baġit, min-nuqqas ta' enfasi tiegħu u minn aptit għar-riskju li huwa wisq baxx, u l-infiq tal-UE jbati minn frammentazzjoni,

kumplessità u nuqqas ta' flessibbiltà;

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi l-baġit tal-UE għandu jkollu l-kompetittività bħala wieħed mill-oqsma ta' prijorità ċentrali, jippromwovi prijoritajiet strateġiċi maqbula b'mod komuni u jiffinanzja l-beni pubbliċi Ewropej, u b'hekk jikkontribwixxi għal produttività ogħla filwaqt li jiżgura koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; billi koordinazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-baġits tal-UE u tal-Istati Membri hija meħtieġa biex tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-suq uniku u biex tingħata spinta lill-impatt ġenerali tal-investimenti pubbliċi;

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ad (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad. billi InvestEU huwa l-akbar strument tal-UE għall-kondivizjoni tar-riskju fis-seħħ u billi huwa jsegwi approċċ ibbażat fuq is-suq u mmexxi mid-domanda u jippermetti li r-riskji jiġu kondiviżi mas-settur privat fil-kisba tal-għanijiet ta' politika tal-UE; billi, kif enfasizzat fir-rapport Draghi, hemm ħtieġa li ssir enfasi fuq attivitajiet b'riskju ogħla u jiżdiedu l-investimenti;

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ae (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ae. billi l-arkitettura miftuħa ta' InvestEU – fejn il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali bħall-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Bank Nordiku tal-Investiment, u l-banek u l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jaġixxu bħala sħab ta' implimentazzjoni – tgħin biex jiġi żgurat l-allinjament bejn il-prijoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali;

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi skont ir-Rapport Draghi, bejn l-2008 u l-2021, kważi 30 % tal-"unicorns" – negozji ġodda li komplew jiġu vvalutati aktar minn USD 1 biljun – irrilokaw il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-pajjiż, prinċipalment lejn l-Istati Uniti;	F. billi skont ir-Rapport Draghi, bejn l-2008 u l-2021, kważi 30 % tal-"unicorns" – negozji ġodda li komplew jiġu vvalutati aktar minn USD 1 biljun – irrilokaw il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-pajjiż, prinċipalment lejn l-Istati Uniti; ***billi dan ixekkel il-kompetittività u l-potenzjal tal-innovazzjoni tal-Ewropa;***

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp ammonta għal 2,1 % tal-PDG fl-UE fl-2021, iżda 3,5 % fl-Istati Uniti u 2,4 % fiċ-Ċina, filwaqt li l-istrateġija ta' ***Lisbona*** tal-2000 stabbiliet objettiv ta' nfiq għar-riċerka u l-iżvilupp ta' 3 %;	G. billi l-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp ammonta għal 2,1 % tal-PDG fl-UE fl-2021, iżda 3,5 % fl-Istati Uniti u 2,4 % fiċ-Ċina, filwaqt li l-istrateġija ta' ***Liżbona*** tal-2000 stabbiliet objettiv ta' nfiq għar-riċerka u l-iżvilupp ta' 3 %; ***billi Orizzont Ewropa huwa sottoskritt iżżejjed ħafna, u ħafna proposti ta' kwalità għolja ma jintgħażlux għall-finanzjament minħabba r-riżorsi limitati; billi l-***

	Kummissjoni ppreżentat l-inizjattiva "Choose Europe" biex tattira l-aqwa xjenzati minn madwar id-dinja lejn l-UE;

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika***, jinħolqu impjiegi ta' kwalità*** u ***jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq***, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;	1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika ***bħala katalizzatur għall-ekonomija orjentata lejn il-futur*** u ***effiċjenti fir-riżorsi, u jiġu indirizzati d-diskrepanza fil-ħiliet***, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li ***terġa' tinkiseb il-produttività*** tal-UE, mogħtija spinta mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;	2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li ***jerġgħu jinkisbu l-produttività, il-kompetittività u t-tkabbir*** tal-UE, mogħtija spinta mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta; ***jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali sabiex tikkontribwixxi għal dawk l-objettivi;***

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jirrikonoxxi dawn ir-rapporti bħala sejħa ta' twissija għal dawk li jieħdu d-	3. Jirrikonoxxi dawn ir-rapporti bħala sejħa ta' twissija għal dawk li jieħdu d-

deċiżjonijiet fil-livell Ewropew u nazzjonali, kif ukoll punt tat-tluq għal azzjoni biex jitrawmu kemm l-investimenti privati kif ukoll dawk pubbliċi;	deċiżjonijiet fil-livell Ewropew u nazzjonali, kif ukoll punt tat-tluq għal azzjoni biex jitrawmu kemm l-investimenti privati kif ukoll dawk pubbliċi ***u biex jiżdied l-appoġġ tal-UE għall-kooperazzjoni pubblika-privata; jenfasizza li l-investiment pubbliku huwa essenzjali bħala katalizzatur għall-investiment privat f'setturi fejn is-suq waħdu ma jistax jixpruna l-investiment meħtieġ; iqis li l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji huma użu effettiv tar-riżorsi u għodod b'saħħithom biex jinkisbu l-għanijiet kritiċi ta' politika tal-UE; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn l-investiment pubbliku u privat, b'mod partikolari billi tiġi ssimplifikata l-arkitettura tal-investiment tal-UE***;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jiddispjaċih għall-fatt li ħafna intraprendituri bbażati fl-UE ***jħossu l-ħtieġa li*** jirrilokaw biex jiksbu aċċess aktar faċli għall-finanzi u r-riżorsi; jiddeplora ***l-fatt li dawn jirrikorru għal*** fornituri ta' kapital ta' riskju ***barra mill-UE u*** jespandu fis-swieq ***barranin***;	4. Jiddispjaċih għall-fatt li ħafna intraprendituri bbażati fl-UE jirrilokaw biex jiksbu aċċess aktar faċli għall-finanzi u r-riżorsi; jiddeplora ***d-disponibbiltà insuffiċjenti ta'*** fornituri ta' kapital ta' riskju ***fl-UE, peress li huma essenzjali għall-kumpaniji biex*** jespandu fis-swieq ***Ewropej; jappella għal azzjoni immedjata biex titjieb din is-sitwazzjoni; jenfasizza li l-UE għandu jkollha klima kummerċjali attraenti għall-kumpaniji u l-investituri;***

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jenfasizza li r-riżorsi pubbliċi għandhom ikunu ffukati fuq ***l-objettiv li***	5. Jenfasizza li r-riżorsi pubbliċi għandhom ikunu ffukati fuq ***il-beni***

jiżguraw is-sostenibbiltà u ***l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-infrastruttura pubbliċi***, filwaqt li jiġi katalizzat l-investiment privat f'industriji innovattivi u nodfa taħt kundizzjonijiet definiti sew;

pubbliċi u ***l-valur miżjud Ewropej***, filwaqt li jiġi katalizzat l-investiment privat f'industriji innovattivi u nodfa taħt kundizzjonijiet definiti sew;

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;	9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment ***u jappella għal anqas burokrazija u tnaqqis fil-piż amministrattiv għall-benefiċjarji, b'mod partikolari l-SMEs; jappella, barra minn hekk, għal simplifikazzjoni tal-programmi tal-UE, b'mod partikolari għar-riċevituri finali, meta jkun hemm objettivi li jikkoinċidu, kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti u regoli differenti li jirregolaw dispożizzjonijiet orizzontali, li għandhom ikunu uniformi fil-programmi kollha***; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jenfasizza li l-flessibbiltà fl-istrumenti ta' investiment tal-UE ma għandhiex iddgħajjef il-prevedibbiltà u l-ippjanar fit-tul; jappella għal bilanċ li jappoġġja l-prospettiva strateġika filwaqt

li jippermetti mobilizzazzjoni rapida b'rispons għall-isfidi emerġenti;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jemmen li l-urġenza tal-miżuri dwar id-difiża u d-dekarbonizzazzjoni tfisser li se jkun meħtieġ appoġġ pubbliku sostanzjali biex jiġi mobilizzat l-investiment privat;	15. Jemmen li l-urġenza tal-miżuri***,*** ***inkluż*** dwar id-difiża u d-dekarbonizzazzjoni***,*** tfisser li se jkun meħtieġ appoġġ pubbliku sostanzjali biex jiġi mobilizzat l-investiment privat; ***jilqa', għalhekk, il-proposta dwar il-pakkett Omnibus għal InvestEU, li se jimmobilizza ammont sinifikanti ta' investiment addizzjonali għall-bqija tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027;***

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, investimenti f'teknoloġiji ewlenin fis-settur diġitali u investimenti soċjali; jisħaq, b'mod partikolari, fuq l-importanza ta' Orizzont Ewropa u jfakkar fil-ħtieġa li tintlaħaq il-mira ta' 3 % tal-PDG għall-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni;

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. ***Jibża'*** li ***l-investiment*** pubbliku se ***jonqos wara l-2026, meta l-Faċilità għall-***	16. ***Jinsab imħasseb*** li ***l-iskadenza tal-RRF fl-2026 toħloq riskju sinifikanti ta'***

Irkupru u r-Reżiljenza mistennija tiskadi;	***tnaqqis sostanzjali fl-investiment*** pubbliku ***fi prijoritajiet Ewropej komuni; jappella għal estensjoni ta' 18-il xahar ta' proġetti maturi tal-RRF permezz ta' bidla tar-Regolament RRF***[1a] ***bil-kodeċiżjoni, jekk dan ikun meħtieġ; jenfasizza li l-estensjoni prevista tal-proġetti*** se ***titwettaq mill-Kummissjoni abbażi ta' parametri referenzjarji oġġettivi, ċari u ġusti***;
	[1a] ***Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).***

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Ifakkar li ***emittenti Ewropej ħarġu assi sikuri fil-livell tal-UE, fosthom il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u, mill-1976, il-Komunità Ekonomika Ewropea u mbagħad l-UE nnifisha***[5]***;*** ***ifakkar*** li ***l-fond għall-irkupru NextGenerationEU*** huwa ***l-akbar pakkett ta' stimolu li qatt ġie ffinanzjat mill-UE biex jappoġġja l-irkupru ekonomiku*** u ***t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali***;	17. Ifakkar li ***l-fond għall-irkupru NextGenerationEU huwa l-akbar pakkett ta' stimolu li qatt ġie ffinanzjat mill-UE biex jappoġġja l-irkupru ekonomiku u t-tranżizzjoni ekoloġika*** u ***dik diġitali; jistieden lill-Kunsill jadotta riżorsi proprji ġodda bħala kwistjoni ta' urġenza sabiex is-self fil-qafas tan-NextGenerationEU jkun jista' jitħallas lura b'mod sostenibbli; jisħaq li, għall-ħtiġijiet ta' nfiq akbar tal-UE, huwa essenzjali li jkun hemm riżorsi proprji ġenwini ġodda***[5a]***, apparti dawk stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali; iqis li l-istrumenti*** u ***l-għodod kollha għandhom jiġu esplorati sabiex l-UE tiġi pprovduta bir-riżorsi meħtieġa***;
[5] ***European Stability Mechanism Chief Financial Officer, "Developing European safe assets", Intereconomics, Diċembru 2023, https://www.esm.europa.eu/articles-and-op-eds/developing-european-safe-***	[5a] ***Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni***

assets-article-intereconomics.	***finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj).***

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jikkondividi l-valutazzjoni*** li l-ħruġ ta' assi sikur komuni, li għandu jintuża bħala parametru referenzjarju b'saħħtu, jiffaċilita b'mod sinifikanti l-kisba tas-CMU u jindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment identifikati fir-Rapport Draghi; ***jirrakkomanda*** li ***l-Kummissjoni tivvaluta l-karatteristiċi tal-assi sikuri maħruġa fil-livell*** tal-UE ***u tippubblika rapport*** biex ***tipprovdi informazzjoni rigward id-disinn futur ta' assi sikur tal-UE***;	18. ***Jieħu nota tal-valutazzjoni, inkluża fir-Rapport Draghi,*** li l-ħruġ ta' assi sikur komuni, li għandu jintuża bħala parametru referenzjarju b'saħħtu, jiffaċilita b'mod sinifikanti l-kisba tas-CMU u jindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment identifikati fir-Rapport Draghi; ***itenni, f'dan ir-rigward,*** li ***s-self konġunt permezz tal-ħruġ ta' bonds*** tal-UE ***jippreżenta għażla vijabbli*** biex ***jiġi żgurat li l-UE jkollha biżżejjed riżorsi biex tirrispondi għal kriżijiet akuti fl-UE kollha bħall-kriżi li għaddejja fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża***;

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jemmen li ħtiġijiet ta' difiża akbar minħabba tensjonijiet ġeopolitiċi jeħtieġu mobilizzazzjoni immedjata ta' appoġġ finanzjarju; ***jilqa' l-proposta li jmiss tal-Kummissjoni*** għal strument finanzjarju ġdid sa EUR 150 biljun biex tingħata spinta lill-kapaċitajiet ta' difiża tal-UE bħala parti mill-pjan ReArm Europe; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu wkoll strument iddedikat*** fl-ambitu ***tal-Mekkaniżmu***	19. Jemmen li ħtiġijiet ta' difiża ***komuni*** akbar minħabba tensjonijiet ġeopolitiċi jeħtieġu mobilizzazzjoni immedjata ta' appoġġ finanzjarju; ***jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni bit-titolu "SAFE"*** għal strument finanzjarju ġdid sa EUR 150 biljun ***f'self back-to-back*** biex tingħata spinta lill-kapaċitajiet ta' difiża tal-UE bħala parti mill-pjan ReArm Europe; ***itenni l-pożizzjoni li ilu jħaddan li l-infiq kollu fil-livell tal-UE għandu***

Ewropew ta' ***Stabbiltà***;	***jinġieb*** fl-ambitu ***tal-awtorità baġitarja, biex b'hekk jiġu żgurati t-trasparenza, il-kontroll demokratiku u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE; ifakkar li l-involviment sħiħ tal-Parlament, bħala l-unika istituzzjoni tal-UE eletta direttament, fid-deċiżjonijiet dwar il-prijoritajiet ta' nfiq tal-UE huwa kundizzjoni essenzjali għal-leġittimità demokratika tal-azzjonijiet tal-UE; itenni, f'dan ir-rigward, ir-rieda tiegħu li jaġixxi bl-urġenza meħtieġa kull meta jkun meħtieġ***;

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinkoraġġixxi lill-Grupp ***tal-Bank Ewropew tal-Investiment*** jadatta ***l-politika*** ta' self tiegħu biex jipprovdi appoġġ akbar għal investimenti b'riskju ogħla, l-aktar f'kumpaniji innovattivi u proġetti li jrawmu t-tranżizzjoni ekoloġika;	20. Jinkoraġġixxi lill-Grupp ***tal-BEI*** jadatta ***l-prattiki*** ta' self tiegħu biex jipprovdi appoġġ akbar għal investimenti b'riskju ogħla, l-aktar f'kumpaniji innovattivi u proġetti li jrawmu t-tranżizzjoni ekoloġika ***u d-difiża, filwaqt li jissalvagwardja l-pożizzjoni kapitali b'saħħitha tiegħu; jilqa' d-deċiżjoni tal-Grupp tal-BEI li jkompli jagħti spinta lill-investiment fis-sigurtà u d-difiża billi jespandi aktar l-eliġibbiltajiet għall-investimenti fis-sigurtà u d-difiża u billi jirdoppja l-investimenti fil-materja prima kritika; jilqa', barra minn hekk, il-finanzjament ġdid bil-valur ta' EUR 8,9 biljun għall-proġetti tal-portijiet u tal-ferroviji, l-edukazzjoni, it-titjib fl-enerġija u fil-grilja, l-investiment fl-ilma u n-negozji; jenfasizza l-importanza li jinżamm l-approċċ ta' arkitettura miftuħa ta' InvestEU fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-benefiċċji pprovduti mill-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u l-banek u l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali***;

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdied l-ingranaġġ tal-baġit tal-UE sabiex ikun jista' jimmobilizza l-investiment privat fuq skala kbira, jattira l-kapital, jixpruna t-tkabbir sostenibbli u jippermetti lill-SMEs u lin-negozji ġodda jaċċessaw il-finanzjament b'mod aktar faċli, filwaqt li jsaħħaħ l-effiċjenza tal-allokazzjoni ta' riżorsi pubbliċi skarsi biex jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-addizzjonalità mal-infiq nazzjonali; jappoġġja bil-qawwa enfasi fuq attivitajiet b'riskju ogħla u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tevalwa kif tista' tappoġġja aħjar l-investimenti fl-ekwità; itenni li garanziji baġitarji u strumenti finanzjarji mfassla tajjeb, inklużi bħala servizz, meta jkunu bbażati fuq il-ħtiġijiet tas-suq, huma użu effiċjenti ħafna ta' riżorsi baġitarji limitati tal-UE biex jitnaqqas ir-riskju tal-investiment u jiġi attirat il-kapital privat;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-istrumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju jkunu sempliċi għas-sħab ta' implimentazzjoni, l-intermedjarji finanzjarji u r-riċevituri finali, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs, filwaqt li tiżgura livell xieraq ta' obbligu ta' rendikont u ġestjoni finanzjarja tajba; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tivvaluta l-impatt tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-marġni ta' manuvra tal-banek u l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali fl-istrumenti għall-kondiviżjoni

tar-riskji;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20c. Jirrikonoxxi l-importanza tas-servizzi ta' konsulenza, bħaċ-Ċentru tal-Konsulenza InvestEU, u ta' miżuri ta' viżibbiltà, bħall-Portal InvestEU, fis-suċċess ta' kwalunkwe garanzija baġitarja jew strument finanzjarju; jieħu nota tas-sejba tal-evalwazzjoni interim li l-Portal InvestEU għad irid juri valur miżjud sinifikanti tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tirrieżamina l-operat taċ-Ċentru tal-Konsulenza, il-Portal u l-Pjattaforma STEP bl-għan li titgħallem it-tagħlimiet meħtieġa; jenfasizza li r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa għandhom ikunu disponibbli għal tali miżuri ta' konsulenza u promozzjoni;

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20d. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi fl-istrumenti finanzjarji kollha tal-UE sabiex jitnaqqsu l-ostakli għad-dħul għall-SMEs u n-negozji godda; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li programmi bħal InvestEU jew pjattaformi futuri jkunu faċli għall-utent, kosteffettivi u faċilment navigabbli minn atturi iżgħar u riċevituri finali;

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Kummissjoni ***tistabbilixxi unità tal-intelligence ekonomika biex*** tidentifika l-ħtiġijiet industrijali, in-nuqqasijiet u l-opportunitajiet tas-suq Ewropew u tippreżenta rakkomandazzjonijiet, inkluż dwar il-finanzjament, biex tindirizza dawn l-isfidi minn perspettiva tal-UE;	21. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika l-ħtiġijiet industrijali, in-nuqqasijiet u l-opportunitajiet tas-suq Ewropew u tippreżenta rakkomandazzjonijiet, inkluż dwar il-finanzjament, biex tindirizza dawn l-isfidi minn perspettiva tal-UE;

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	4.6.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 24 - : 10 0 : 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Georgios Aftias, Rasmus Andresen, Isabel Benjumea Benjumea, Tomasz Buczek, Olivier Chastel, Tamás Deutsch, Angéline Furet, Jens Geier, Thomas Geisel, Sandra Gómez López, Andrzej Halicki, Monika Hohlmeier, Janusz Lewandowski, Giuseppe Lupo, Ignazio Roberto Marino, Siegfried Mureşan, Jana Nagyová, Victor Negrescu, Matjaž Nemec, Danuše Nerudová, João Oliveira, Ruggero Razza, Karlo Ressler, Bogdan Rzońca, Julien Sanchez, Hélder Sousa Silva, Nicolae Ştefănuţă, Lucia Yar, Auke Zijlstra
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Mohammed Chahim, Jonás Fernández, Jussi Saramo
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Christine Anderson, Murielle Laurent, Antonio López-Istúriz White

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

24	+
ECR	Razza Ruggero
PPE	Aftias Georgios, Benjumea Benjumea Isabel, Halicki Andrzej, Hohlmeier Monika, Lewandowski Janusz, López-Istúriz White Antonio, Muresan Siegfried, Nerudová Danuse, Ressler Karlo, Sousa Silva Hélder
Renew	Chastel Olivier, Yar Lucia
S&D	Chahim Mohammed, Fernández Jonás, Geier Jens, Gómez López Sandra, Laurent Murielle, Lupo Giuseppe, Negrescu Victor, Nemec Matjaz
Verts/ALE	Andresen Rasmus, Marino Ignazio Roberto, Stefanuta Nicolae

10	-
ECR	Rzonca Bogdan
ESN	Anderson Christine
NI	Geisel Thomas
PfE	Buczek Tomasz, Deutsch Tamás, Furet Angéline, Nagyová Jana, Sanchez Julien, Zijlstra Auke
The Left	Oliveira João

1	0
The Left	Saramo Jussi

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni